Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2602/2000**

tas-17 ta' Novembru 2000

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 dwar livelli minimi għat-trattament ta' tnaqqis fil-prezzijiet fl-Indiċi Armonizzat ta' Prezzijiet għall-Konsumatur

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(OJ L 300, 29.11.2000, p. 16)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1921/2001 tat-28 ta' Settembru 2001	L 261	49	29.9.2001

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2602/2000

tas-17 ta' Novembru 2000

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 dwar livelli minimi għat-trattament ta' tnaqqis fil-prezzijiet fl-Indiċi Armonizzat ta' Prezzijiet għall-Konsumatur

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 tat-23 ta' Ottubru 1995 dwar indiċi armonizzati ta' prezzijiet għall-konsumatur ([1]), u partikolarment l-Artikolu 4 flimkien ma' l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Bank Ċentrali Ewropew ([2]),

Billi:

(1) Bis-saħħa ta' l-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 2494/95, kull Stat Membru huwa meħtieġ jibni Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP), li jibda mill-indiċi għal Jannar 1997.

(2) Hemm lok konsiderevoli għal differenzi proċedurali fit-trattament ta' roħs fil-prezzijiet u r-relazzjoni bejn ir-roħs tal-prezzijiet u l-prezz tax-xiri. Metodoloġija armonizzata għat-trattament ta' roħs fil-prezzijiet fl-HICP hija meħtieġa sabiex tiżgura li l-HICP li jirriżultaw, jissodisfaw il-ħtieġa ta' paragunabilità skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2494/95. Hija għandha wkoll ittejjeb il-kredibilità u r-rilevanza tagħhom.

(3) Prezzijiet użati fl-HICP għandhom ikunu l-prezzijiet tax-xiri, attwalment imħallsa mill-familji biex jixtru oġġetti u servizzi individwali fi transazzjonijiet monetarji, inkluż kull taxxa mnaqqsa s-sussidji fuq il-prodott, wara tnaqqis għal skonti fuq xiri bl-ingrossa jew barra l-aqwa żmien tal-bejgħ mill-prezzijiet jew ħlasijiet normali, u eskluż l-ispejjeż fuq imgħax jew servizzi miżjuda skond arranġamenti ta' kreditu u spejjeż oħra frott riżultat ta' nuqqas ta' ħlas fil-perjodu indikat fiż-żmien li fih ikunu saru x-xirjiet.

(4) F'każ ta' bidliet fl-ispeċifikazzjonijiet, il-prezzijiet għandhom jiġu trattati skond ir-regoli li għandhom x'jaqsmu ma' l-aġġustament tal-kwalità li jinsabu fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1749/96 tad-9 ta' Settembru 1996 dwar miżuri inizjali ta' implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 dwar indiċi armonizzati ta' prezzijiet għall-konsumatur ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1688/98 ([4]).

(5) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika (SPC) imwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ([5]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

([1]) ĠU L 257, tas-27.10.1995, p. 1.
([2]) L-opinjoni mogħtija fl-24 ta' Novembru 2000 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU L 229, ta' l-10.9.1996, p. 3.
([4]) ĠU L 214, tal-31.7.1998, p. 23.
([5]) ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

▼B

L-Artikolu 1

Għan

L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jispeċifika t-trattament ta' l-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur, minn issa 'l quddiem imsejjaħ l-"HICP" dwar tnaqqis fil-prezzijiet għal oġġetti jew servizzi individwali sabiex jiġi żgurat li l-HICP huma ta' min jorbot fuqhom u rilevanti u jilħqu l-ħtiġijiet ta' paragunabilità stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2494/95.

L-Artikolu 2

Prezzijiet għax-xerrej

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, il-prezzijiet għax-xerrej użati fl-HICP għandhom b'mod ġenerali jqisu r-roħs fil-prezzijiet ta' oġġetti jew servizzi individwali jekk dawn ir-roħs:

(a) jistgħu jkunu attribwiti għax-xiri ta' oġġett jew servizz individwali;

(b) huma disponibbli għal kull konsumatur potenzjali mingħajr l-ebda kondizzjoni speċjali marbuta miegħu (mhux diskriminatorju);

(ċ) huma magħrufa mix-xerrej fiż-żmien meta jidħlu fil-ftehim mal-bejjiegħ biex jixtru l-prodott konċernat; u

(d) jista' jintalab fil-ħin tax-xiri jew f'dak il-perjodu ta' żmien li jiġi wara x-xiri attwali illi jista' jkun mistenni li jkollu influwenza sinifikanti fuq il-kwantitajiet li x-xerrejja jkunu lesti li jixtru.

Partikolarment, roħs fil-prezzijiet ta' oġġetti u servizzi individwali li x'aktarx ikunu jew mistennija li jkunu disponibbli mill-ġdid f'xi post ieħor bi prezzijiet normali għandhom ikunu meqjusa fl-HICP. Prezz normali jfisser il-prezz mingħajr xi kondizzjonijiet jew kwalifiċi u mhux deskritt bħala prezz speċjali.

L-Artikolu 3

Inċentivi

Il-valur tas-suq ta' xi ħaġa offruta temporanjament lill-konsumaturi biex tipperswadihom jixtru prodott partikulari, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "inċentivar", jista' jitnaqqas jekk magħruf. Dak il-valur tas-suq għandu jerġa' jkun magħdud fil-ħin meta l-offerta tkun irtirata. Inċentivi fil-forma ta' oġġetti żejda, bħal kwantità żejda tal-prodott konċernat, l-inklużjoni ta' prodott differenti "bla ħlas" u benefiċċji oħra, m'għandux jingħata kas tiegħu jekk ma jkunx sinifikanti.

L-Artikolu 4

Bidla fl-ispeċifikazzjoni

Fejn tinbidel l-ispeċifikazzjoni, il-prezzijiet għandhom jiġu trattati bi qbil mar-regoli dwar tibdil fl-ispeċifikazzjoni, u partikolarment dawk li għandhom x'jaqsmu ma' l-aġġustament tal-kwalità fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1749/96.

▼B

L-Artikolu 5

Implimentazzjoni

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri mhux iktar tard minn Diċembru 2000 u għandhom jidħlu fis-seħħ jew ma' l-indiċi għal Jannar 2001 jew ma' l-indiċi għal Jannar 2002.

L-Artikolu 6

Reviżjoni

▼M1

Fejn l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament taffettwa r-rata annwali tal-kambju (m/(m-12)) ta' l-indiċi ta' l-oġġetti kollha b'iktar minn wieħed minn għaxar punt perċentwali kkomparata ma' indiċi li ma tikkunsidrax ir-riduzzjonijiet tal-prezzijiet, is-serje ta' indiċi kkonċernata għandha tkun reveduta bir-reqqa.

▼B

L-Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.